# IR-REGINA TAT-RUZARJU TA' BANOS DE AQUA SANTA, EKWADOR



Ftit snin qabel ma twaqqfet Quito il-missjunarji Dumnikani telqu lejn il-provincja ta' Tungurahua fl-Ekwador biex iwasslu l-fidi ta' Kristu lill-poplu ekwadorjan.

Kappella tal-bamboo giet imwaqqfa gewwa Banos de Aqua Santa fejn giet esposta ix-xbiha tal-Madonna ta' Monteserrat ghall-qima ta' l-insara.

Lejla wahda, is-sagristan tal-

knisja lemah statwa zghira tal-Vergni akkumpanjata minn zewg angli sbieh jittajru fl-arja u mbaghad jinzlu f'riglejn kaskata ta' l-ilma li kienet gejja mill-muntanja.

Dan gara ghal bosta drabi u n-nies presenti fil-kappella talbu lill-Madonna tghidilhom car u tond l-intenzjoni taghha. Il-lejla ta' wara l-Madonna terga' tidher u talbithom li jwaqqfu knisja hdejn il-kaskata, bil-weghda li tfejjaq il-morda li jinzlu f'dawk l-ilmijiet bil-fidi.

Knisja gdida giet mibnija kif talbet il-Madonna, imma l-istatwa ta' Monteserrat ghebet qabel ma setghet tingarr ghall-knisja l-gdida.



Baghal gie fil-pjazza tal-Belt jgorr kaxxa li kellha fiha statwa sabieha tal-Madonna tar-Ruzarju. Meta hadd ma resaq biex johodha, il-poplu fehem li dan kien don missema  u l-immagini tar-Regina tar-Ruzarju ta' l-Ilma Mbierek giet imqieghda fil-knisja b'imhabba kbira.



Il-Bazilka prezenti tlestiet fis-sena 1929 . Ittra mahruga mill-Papa Piju XII fis-sena 1957 iddikjara lill-Vergni ta' Banos de Aqua Santa il-Patruna Principali tal-missjonijiet ta' l-Ekwador tal-Lvant. Fit-13 ta' Dicembru tas-sena 1959 il-Kardinal arcisqof ta' Quito, Carlos M de la Torre sollenement inkluruna l-istatwa tal-Vergni fil-presenza tal-President tar-Repubbblika Dr Camillo Ponce li offra il-virga presidenzjali lil Omm Alla u invokaha bhala l-Patruna ta' l-Ekwador.

Bis-sahha  u l-intercessjoni tas-Sinjura tar-Ruzarju ta' Agua Santa, sehhew bosta mirakli u fejqan u dan it-tempju offra bosta drabi kenn wara l-isbroff tal-vulkan Tungurahua. Darba minnhom kien hemm sbroff qalil u tal-biza' meta hafna kienu migbura fit-tempju jaghtu qima lill Marija. Il-lava resqet lejn il-knisja. In-nies ghollew l-istatwa ta' Marija ta' l-Agua Santa fuq l-ispalla u pprocessjonaw sal-Pjazza tal-Belt. Hemm is-Sinjura gholliet idejha biex tikkwieta l-qilla tal-vulkan u tiddevja il-mixja tal-lava.

Fis-sena 1916  razzett fil-qrib inharaq kompletament hlief ghax-xbiha ta' Marija tar-Ruzarju ta' Aqua Santa.